**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mid-Deputy Speaker Ċensu Galea fis-Seduta numru 125 tas-26 ta' Frar 2014**

Waqt is-seduta tal-bieraħ tat-Tlieta, 25 ta' Frar 2014, meta l-Ministru Konrad Mizzi kien qiegħed jirrispondi għad-domandi li sarulu fuq l-istqarrija li kien għadu kif għamel dwar allegat serq ta' elettriku, l-Onor Mario De Marco, l-Onor Tonio Fenech u l-Onor George Pullicino min-naħa tal-Oppożizzjoni qajmu diversi punti ta' ordni fir-rigward ta' dak li qal l-istess Ministru, partikolarment għall-kliem:

"*you put them*, tfajtuhom ġo kaxxa. *They were thrown by the administration*"

u dan b'referenza għal numru ta' files li skont l-istqarrija jmorru lura mill-2006 sal-2011 u li nstabu f'kamra mwarrba fl-Enemalta.

Il-ġist tal-oġġezzjoni tal-membri tal-Oppożizzjoni kien li l-kliem użat u msemmi hawn fuq kien qiegħed jattribwixxi intenzjoni ħażina lil xi Membri u għalhekk kien ċensurabbli. L-Onor Tonio Fenech għamel ukoll referenza għall-Ordnijiet Permanenti minn 60 sa 64 li jirregolaw l-imġiba tal-Membri fil-Kamra u talab *ruling* mingħand is-Sedja.

Is-Sedja stiednet diversi drabi lill-Ministru biex jiċċara t-tifsira ta' dak li ried jgħid tant li l-kjarifika mitluba tħalliet għas-seduta tal-lum l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2014, wara li l-istess Sedja tat lil-Membri kopja tat traskrizzjoni tad-dibattitu. Minkejja dan, il-kliem hawn fuq imsemmi ma ġie ċċarat fl-ebda sens, b'mod li jiġi eskluż kull attribuzzjoni ta' motivi ulterjuri

Fis-seduta tal-lum l-Onor Fenech għamel referenza għall-Ordni Permanenti 63 biex jiġi applikat għall-każ inkwistjoni u reġa' talab *ruling*.

Filwaqt li s-Sedja tiddikjara li l-Ordni Permanenti 63 li għalih saret referenza llum ma japplikax għaliex dan mhux każ ta' mġiba ta' diżordni kbir fil-Kamra, is-Sedja ma tistax ma tattirax l-attenzjoni tal-Membri biex joqogħdu attenti fid-diskors li jagħmlu biex ma jiġix miftiehem li qed jiġu attribwiti motivi ulterjuri.

Peress li kif intqal qabel il-kliem hawn fuq imsemmi ma ġie ċċarat fl-ebda sens, b'mod li jiġi eskluż kull attribuzzjoni ta' motivi ulterjuri, din is-Sedja tħoss li dan id-diskors huwa inaċċettabbli.

Għalhekk, din is-Sedja, kif għamlet fid-deċiżjoni tagħha fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, tiddikjara li filwaqt li kull Membru għandu jkollu d-dritt kollu ħieles li jikkritika l-operat politiku, fl-istess ħin hija marbuta li tara li ma jintużax kliem offensiv kemm fil-konfront tal-Kamra kif ukoll fil-konfront tal-Membri tal-istess Kamra u li ma jiġux imputati motivi ulterjuri lill-istess Membri.

Għal dawn ir-raġunijiet is-Sedja qiegħda tiddeċiedi billi tiddikjara li l-għażla tal-kliem

"*you put them*, tfajtuhom ġo kaxxa. *They were thrown by the administration*"

użati fid-diskors tal-Ministru Mizzi fil-konfront ta' Membri tal-Oppożizzjoni huma infeliċi u l-Ministru seta' għażel li juża kliem ieħor biex iwassal il-ħsieb tiegħu mingħajr ma jimplika motivi ulterjuri jew seta' jikkjarifika l-ħsieb tiegħu. Huwa naturalment id-dritt tal-Ministru li jekk jidhirlu li xi azzjonijiet kienu skorretti jissostanzja dak li allega li huwa skorrett bħala azzjoni mingħajr ma jimputa ebda motivi ulterjuri.

Dan ir-*ruling* li qiegħda tagħti s-Sedja għandu jkun suffiċjenti bħala rimedju fih innifsu.